MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 611/2013

**Il-Pulizija
Spettur Maurice Curmi**

**VS**

**Omissis;
Alexia Cross, bint James u Josephine nee' Mangion, imwielda San Giljan nhar l-14 ta' Gunju, 1979, residenti fil-fond Blue Danube Flats, Flat 4, Samwill Street, Imsida, detentur tal-karta tal-identita' numru 316279M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Alexia Cross** li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xhur ta' Lulju, Awwissu, 2002 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi:

a. Ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqet pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi, f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ ghamlet falsifikazzjoni tal-firma ta’ Joseph Zammit fuq cekkijiet tal-HSBC mahrug f’isem Zammit, u li hu stess kien irrapurtahom misruqa jew mitlufa lill-istess bank, u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli ffalsifikat cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe’ cekkijiet tal-HSBC fuq l-akkont ta’ Joseph Zammit u ta’ persuni ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bih hlas jew jiehu kunsinna tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamlet uzu mill-istess karta msemmija, u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. U aktar talli b’mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ghad-detriment ta’ diversi hwienet, liema qliegh jilhaq l-ammont ta’ madwar Lm500.00 bi hsara ghal HSBC, hwienet diversi, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d. U aktar talli xjentement laqghet ghandha jew xtrat affarijiet misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom

jew tmexxiehom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi Alexia Cross fil-bidu tal-proceduri ghazlet illi twiegeb illi ma kinitx hatja tal-istess;
Rat illi aktar tard, prezentat mill-Avukat Generali l-kunsens ghal proceduri sommarji (folio 16), l-istess Alexia Cross ma sabet ebda oggezzjoni ghall-istess.

L-Ufficjal Prosekutur minn naha tieghu prezentat l-istqarrija tal-imputata, Dok AC folio 22, mehuda din fit-18 ta' Novembru, 2002, meta Alexia Cross kellha allura l-eta' ta' tlieta u ghoxrin(23) sena. Giet ezebita wkoll il-fedina penali netta tal-imputata a folio 5.

Rat illi aktar tard fil-mori tal-proceduri, Alexia Cross ammettiet l-ewwel u t-tielet akkuza migjuba kontra taghha, u cioe' dawk immarkati bl-ittri (a) u (c).

Rat illi l-Qorti ordnat ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur jezebilha l-fedina penali aggornata tal-imputata.

Rat il-provi prodotti, **skarsi mmsens**, tenut kont iz-zmien illi hadet il-Prosekuzzjoni biex ittella' tliet xhieda. Fil-fatt xhud ftit saljenti kienet Deborah Borg illi qalet illi fiz-zmien tar-reat kienet salesgirl mal-hanut in kwistjoni. Ikkonfermat illi sar bejgh lil zewg klijenti versu l-ammont ta' hamsa u sittin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm65.61). Illi fil-fatt ittellghet tixhed Audrey Ghigo ghal HSBC u prezentat cheque images u statements ta' flus mahruga mill-kont tad-derubat Joseph Zammit.

Kif gia' inghad, l-imputata ammettiet l-ewwel u t-tielet akkuza, u fuq dan il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 183, 184, 308, 309, u 310B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat pero li ebda provi ohra ma gew prodotti, ghalhekk qieghda tilliberaha mit-tieni u r-raba' akkuza taht l-Artikoli 167, 169, u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, il-Qorti, considerando l-fedina penali tal-imputata, kif aggornata, tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi hgal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------